MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 539/2003/1

**Anthony Baldacchino**

**vs**

**George Mifsud u martu Carmen Mifsud u b' digriet tal-10 ta' Dicembru 2003 gie kjamat fil-kawza Christopher Mifsud**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Dicembru, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jersqu ghal likwidazzjoni u konsegwenzjali hlas ta' danni sofferti mill-attur, b'segwitu ta' bejgh ossia tpartit ta' vetturi li sar bejn il-partijiet kontendenti, u dan stante illi rrizulta illi l-

vettura tal-marka Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni AAE 445 li giet ikkonsenjata lill-attur fl-11 ta' Ottubru 2003, kellha difett mohbi li jrendi l-istess vettura mhux tajba ghall-uzu, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u ghalhekk l-attur qed jitlob hlas ta' danni rapprezentanti d-differenza bejn il-veru valur tal-vettura difettuza mibjguha u dak li fil-fatt l-attur hallas lill-konvenuti qabel ma rrizulta li l-vettura kellha difett mohbi.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur tal-vettura in kwistjoni jeccedi elf u hames mija u hamsin lira Maltin (Lm1550.00).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Preliminarjament l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontraditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi s-sid precedenti tal-vettura 'de quo agitur' ma kienux l-umli eccipjenti.
2. In linea preliminari wkoll, in-nullita' u l-irritwalita' tal-proceduri intavolati mill-attur stante illi permezz tal-istess avviz promotur qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tillikwida d-danni minnu allegatament sofferti u tikkundanna lill-eccipjenti ghall-hlas tal-istess, liema danni, skond l-attur, jikkonsistu fid-"differenza bejn il-valur veru tal-vettura difettuza mibjugha u dak li fil-fatt l-attur hallas lill-konvenuti". Illi t-talba tirradika ruhha fil-kamp tad-delitti jew kwazi delitti filwaqt illi t-talba ghar-restituzzjoni ta' dik is-somma rapprezentanti l-valur reali tal-oggett u l-prezz imhallas hija dik li tissejjah l-'actio aestimatoria' illi certament tirradika ruhha fil-kamp kuntrattwali, u ghaldaqstant il-proceduri intavolati mill-attur huma irritwali u nulli stante illi huma in vjolazzjoni tal-principju kardinali 'electa una via non datum recursus ad alteram' kif eneuncjat ukoll fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Settembru, 2000 fil-kawza 'Angelo Fenech et vs Paul Grech et" (Citaz. Nru. 2627/00JRM).

3. In linea preliminari wkoll, u sussidjarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, kieku ghall-grazzja tal-argument l-azzjoni intentata mill-attur kellha tigi accettata bhala ‘acto aestimatoria’ a tenur tal-artikolu 1427 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, allura dik l-azzjoni hija nulla u irritwali stante illi l-azzjoni estimatorja tipprezupponi bhala wiehed mill-elementi bazilari taghha r-ritenzjoni tal-oggett mixtri da parti tal-kompratur, filwaqt illi fil-kaz odjern l-attur ghadda biex iddepozita l-oggett lilu mibjugh u kkonsenjat taht l-Awtorita’ tal-Qorti permezz tac-cedola ta’ depozitu numru 2030/03 u b’hekk qieghed lilu nnifsu f’pozizzjoni illi ma jistax jespera l-azzjoni estimatorja.

4. Illi, in linea preliminari wkoll, din l-Onorabbli Qorti hija, b’kull rispett, inkompetenti biex tisma’ u tiddeciedi t-talbiet attrici ‘ratione valoris’ stante illi t-trasferiment tal-vettura ‘de quo agitur’ a favur tal-attur sar bhala parti minn ftehim ta’ permuta illi l-valur tieghu jizboq is-somma ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5,000) illi tiddelimita l-kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti.

5. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma inforndati fil-fatt u fid-dritt u ghadhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi, fl-ewwel lok, l-vettura in kwistjoni mhix affetta minn difett mohbi li jirrendiha mhux tajba ghall-uzu, kif allegat mill-attur fl-avviz promotur, fit-tieni lok, l-attur, illi jinnegozja fil-qasam tal-vetturi ‘di secondo mano’, spezzjona l-vettura sew qabel sehh in-negozju u gie konkluz il-ftehim, anke fl-assistenza ta’ terzi u, fit-tielet lok, f’kull kaz il-ftehim illi sar bejn il-partijiet, kif redatt mill-istess attur, espressament jeskludi l-garanzija ghad-difetti latenti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat dak verbalizzat a fol 10 tala-tti kif ukoll id-digriet risultanti mill-istess verbal dwar il-kjamata in kawza ta’ Christopher Mifsud.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment il-kopja ta’ cedola ta’ depositu tal-vettura in esami taht il-kustodja ta’ din il-Qorti kif ukoll in vista ta’ sottomissjonijiet presentata mill-attur bil-visto tal-kontroparti in konnessjoni mat-tieni u tielet eccezzjonijiet sottomessi mill-istess konvenuti oltre in-nota responsiva tal-istess attur.

Ikkunsidrat

Illi, kif di gja sar accenn, din is-sentenza hi limitata ghat-tieni (2) u tielet (3) eccezzjoni sottomessi mill-konvenuti u kif hemm fuq citati.

Ikkunsidrat

Illi mill-lat legali l-Qorti kkunsidrat is-segwenti artikoli tal-Kodici Civili:-

a) Artikolu 1493 li jghid illi r-regoli tal-kuntratt ta’ bejgh huma applikabbli ukoll ghal dak ta’ tpartit.
b) Dan premess, jirrizulta konsegwentement illi kull parti involuta fi tpartit ghandha taghti l’hekk imsejjha ‘garanzija kontra difetti mohbija’ sakemm gie espressament pattwit illi l-istess partijiet jew uhud minnhom huma esenti minn tali garanzija. Ghalhekk, fil-kaz in desamina huma applikabbli z-zewg azzjonijiet indikati fl-artikolu 1427 tal-istess Kodici li jghid illi, bhala rimedju ghal dan id-difett kull parti tista tistitwixxi jew l-actio redlubitoria’ sabiex tinghata lura l-haga difettuza u jigi restitwit lura lilu l-oggett li hu jkun ta’ fit-tpartit jew l-‘actio estimatoria’ fejn hu jista’ jaghzel li jzomm l-istess oggett difettuz b’valur imnaqqas. Hawnhekk jidher evidenti li f’kaz ta’ tpartit, kull parti f’kaz ta’ difett mohbi ghandha taghzel bejn iz-zewg azzjonijiet u tistitwixxi wahda minnhom biss u mhux it-tnejn.
c) In vista li fl-azzjoni in desamina, hemm talba ghal hlas ta’ danni ‘rappresentanti’ d-differenza bejn il-veru valur tal-vettura difettuza …. U dak li filfatt l-attur hallas lill-konvenuti’ jkun opportun illi jigi citat l-artikolu 1429 li jghid illi f’kaz li d-difett jew difetti tal-haga mibjugha kienu maghrufin lill-venditur, hu obligat mhux biss li jhallas lura l-prezz li rcieva izda hu obbligat, ukoll, li jirrisarcixxi d-danni lill-kompratur waqt li f’kaz li hu ma kienx jaf bl-istess difett jew difetti, jkun obligat, biss, li jirrifondi lill-kompratur il-prezz u l-ispejjes inkorsi fl-istess ftehim.

Ikkunsidrat

Illi f’dan il-kaz l-attur kellu l-ghazla kif hemm fuq spjegata fis-sens li seta jaghzel li jaghmel azzjoni sabiex jzomm il-

vettura in kwistjoni u jitlob tnaqqis fil-valur taghha jew ir-rexissjoni tal-ftehim in esami u r-radd lura lilu tal-haga moghtija minnu lill-konvenuti bi tpartit.

Minn esami tal-premessi kollha fl-istess avviz jidher li l-attur, pero', ghazel li jitlob il-hlas ta' danni bil-mod kif specifikat fl-avviz, liema talba tista' tigi akkolta biss f'kaz li tigi pruvata l-'male fede' da parti tal-konvenuti kif hawn fuq premess.

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz in desamina u minn esami tat-talba in esami w il-premessi specifikati fl-istess avviz, jidher li l-attur qed jitlob il-hlas ta' danni a basi ta' allegat difett mohbi fil-vettura msemmija, liema danni huma 'd-differenza bejn il-veru valur tal-vettura difettuza … u dan li, fil-fatt l-attur hallas'. Minn dan wiehed jista' jiddesumi illi l-attur esercita l-ghazla, kif trid il-ligi, bejn iz-zewg azzjonijiet disponibbli ghalih u effettivament ghazel li jzomm ghalih l-istess vettura waqt li jitlob id-differenza fil-valur kif deskritta. Pero' dan ma jikkombacjax mac-cedola ta' depositu maghmula mill-istess attur (fol 19 tal-atti). Difatti l-istess attur wara li ppremetta illi l-istess vettura hi affetta minn difett mohbi li jirrendiha inedonea ghall-uzu, iddeposita l-istess vettura taht il-kustodja ta' din il-Qorti (ara ukoll fol 20 tal-atti) "liema vettura ghandha tinghata liberament lill-intimati (ossija l-konvenuti odjerni) wara l-esitu tal-(ossija ta' din il-) kawza … u kemm il-darba jigi ordnat illi l-vettura ghandha tigi ritornata lill-intimati'. Minn dak li gie premess jidher evidenti illi l-imsemmija cedola u l-avviz in esami huma in kontradizzjoni u in konflitt bejniethom in vista li jista' jkun li l-avviz hu bazat fuq l-'actio aestimatoria' waqt li c-cedola ghandha n-natura tal-'actio redhibitoria".

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher ghalhekk illi l-attur qed jittenta l-'actio estimatoria' waqt li talab lil din il-Qorti sabiex tillikwida d-danni u tordna l-hlas tal-istess minghajr il-premss ta' 'mala fede kif hawn fuq espost' u mhux tnaqqis fil-valur tal-vettura in esami u waqt li ddeposita l-istess

vettura sabiex tigi ritornata lill-konvenuti wara l-esitu ta' din il-kawza.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tara li din l-azzjoni ma tistax tissokta fil-meritu, in vista li mill-istess atti, jidher li ma hux car fuq liema pedament legali giet istitwita din il-kawza cjoe jekk filfatt din il-kawza giet istitwita bhala wahda estimatorja jew bhala wahda rehibitorja jew bhala kawza ghad-danni fuq bazi kuntrattwali u mhux delittwali kif jghidu l-konvenuti fit-tieni eccezzjoni sollevata minnhom. Dwar dana, ghandu jinghad illi talba ghall-konnessjoni tal-istess avviz ma tistax tigi, facilment, akkolta skond il-ligi in vista' li, f'kaz li tigi milqugha, tista' tigi pregudikata s-sentenza tal-azzjoni kif ukoll tad-difisa.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tiddikjara din l-azzjoni bhala irritwali, tillibera lill-konvenuti u kjamat in kawza mill-osservanza tal-gudizzju b'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-istess attur skond il-ligi, In rigward l-ispejjes fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, danni jibqghu bla taxxa."

Il-kontestazzjoni ta' l-attur di fronte ghal din is-sentenza hi fis-sens illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eccezzjoni ta' l-irritwalita` ta' l-azzjoni kemm ghaliex l-appellati ma kienu ser igarrbu ebda pregudizzju kif ukoll ghar-raguni illi l-kawza kellha tigi deciza fuq apprezzament tal-fatti u mhux a bazi ta' allegat difett procedurali;

Opportunement, jibda biex jigi sottolinejat illi f' materja ta' kuntratt ta' bejgh jew ta' tpartit, fejn l-oggett vendut jew impartat ikun affett minn vizzju, l-azzjoni dwaru hi regolata mhux mid-dixxiplina generali dettata mill-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili dwar l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet ghall-kuntratti in generali, imma minn normi specjali stabbiliti fl-istitut tal-bejgh (Artikolu 1424 *et seq.* ta' l-istess Kodici) in kwantu dawn jipprevedu limitazzjoni specifika fir-rispett tad-dixxiplina generali relattiva ghad-danni. Fi kliem iehor l-ligi tipprovdi lix-xerrej l-azzjoni 'in garanzija' intiza biex

takkordalu l-opportunita` li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat. Ara "**Joseph Vassallo *et* -vs- Antonia Borg**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Ghandu jigi pprecizat ukoll illi "l-konvenut ma jistax jindahal fl-ghazla ta' l-azzjoni (redibitorja jew aestimatorja) maghmula mill-attur, salv dejjem il-kwistjoni jekk ta' dik l-azzjoni jirrikorrux jew le r-rekwiziti mehtiega skond il-ligi" (**Kollez. Vol. XLI P II p 1198**). B' danakollu, trattasi dejjem ta' allegat difett fil-haga, ix-xerrej ma jistax jeskogita rimedji ohra li l-ligi ma tipprovdilux f' materja ta' inadempiment kontrattwali ta' bejgh;

Tajjeb li jigi sottolinejat ukoll illi l-azzjoni ghar-riduzzjoni fil-prezz, cjoe l-azzjoni aestimatorja jew "*quanti minoris*" ghandha l-iskop li thares l-ekwilibriju tal-prestazzjonijiet fil-kaz li x-xerrej ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jirrikorri ghar-rimedju tar-rizoluzzjoni tal-ftehim bl-azzjoni redibitorja. Tali fakolta tal-ghazla mix-xerrej bejn ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt u r-riduzzjoni fil-prezz tissussisti imprexxindibilment mill-entita tal-vizzju denunzjat. La darba issir pero dik l-ghazla hija definittiva tant li l-azzjoni l-wahda ma tistax lanqas tigi proposta b' mod subordinat ghall-ohra;

Premessi dawn ir-riljievi guridici, fil-kaz in ispecje d-domanda kif proposta hi dik tendenti ghar-rizarciment tad-danni. Fl-istess avviz tieghu prezentat fil-31 ta' Ottubru 2003 huwa spjega illi dawn id-danni minnu reklamanti jirrapprezentaw id-differenza bejn il-veru valur tal-vettura difettuza mibjugha u dak li fil-fatt hu kien hallas lill-konvenuti, anticipatament ghall-iskoperta minnu tad-difett mohbi. Jirrizulta illi xi granet wara l-prezentata ta' l-avviz l-attur intavola cedola ta' depozitu tal-vettura (7 ta' Novembru 2003, fol. 19) fejn fiha ddikjara li din ghandha tinghata liberament lill-intimati wara l-ezitu tal-kawza u

kemm-il darba jigi ordnat illi l-vettura ghandha tigi ritornata lill-intimati;

Dan premess, ankorke kellu jigi accettat illi l-azzjoni kif koncepita fl-avviz ghandha unit fiha l-karatteristici ta' dik aestimatorja, anke jekk fil-verita lanqas din mhix ghal kollox cara, l-appellanti ma jistax jippretendi illi l-ewwel Qorti kellha taghlaq ghajnejha u tevalwa l-kawza proposta u l-eccezzjonijiet ghaliha fil-parametri stretti tad-domanda u bla ebda kunsiderazzjoni tal-prova dokumentali li kienet taghmel ic-Cedola esebita fl-atti. Cedola din b' ingredjenti ta' l-azzjoni redibitorja. Fil-hsieb tal-Qorti kien ikun ferm illogiku li l-Qorti toqghod tahli z-zmien u l-energija tindaga fuq fatti li l-attur kien intenzjonat li jressaq 'il quddiem meta, *ictu oculi*, mill-istess kontenut taghhom, l-avviz u c-Cedola kienu arginati fuq raguni guridika diversa, il-wahda aestimatorja ghar-riduzzjoni tal-prezz, u l-ohra, redibitorja ghar-restituzzjoni tieghu. Gja nghad aktar 'il fuq illi l-azzjoni l-wahda u l-ohra ma jistghux jigu konfuzament flimkien u l-attur, kif hekk wara kollox jiddisponi l-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili, kellu jaghzel bejn il-wahda u l-ohra;

Il-kwestjoni legali hawn involuta ma ticcentra bl-ebda mod mal-qaghda ta' xi pregudizzju, o meno, lill-kontraparti, kif hekk donnu kontez mill-appellanti. Invece, tikkoncerna l-ezami jekk l-attur kellux jipproponi bl-avviz dik l-azzjoni maghzula minflok dik l-ohra suggerita mic-Cedola, gjaldarba l-oggett u l-iskop li ghalihom jtendu huma mhux biss diversi imma, ukoll, f' dan il-kuntest, kontradittorji. Dan apparti r-riflessjoni gja maghmula illi dak li messu ntalab ma kellhomx ikun d-danni imma "dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-qorti" (Artikolu 1427).

Ghal dawn ir-ragunijiet fuq espressi din il-Qorti qed tichad l-appell kif dedott u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------